Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2005

Numru. 478/2003

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikolu 339(e) u 340(d) tal-Kap 9**
**tal-Ligijiet ta' Malta**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Maurice Curmi**
**V**

**RAYMOND CAMILLERI**

**Seduta ta' llum, 28 ta' Lulju 2005**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **RAYMOND CAMILLERI** bin Joseph u Coronata nee Muscat, imwieled Victoria, Ghawdex nhar t-tlettax ta' Settembru 1979 u residenti 'East House', Triq tat-Targa, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 22979G gie imressaq quddiemha akkuzat talli fil-wiehed u tletin ta' Awissu 2003 ghall-habta tat-tmienja w nofs ta' filghaxija waqt li kien fi Triq tat-Targa, Nadur, Ghawdex;

1. Ingurja lil Caroline Debono bil-kliem;
2. Talli dahal f'dar, lok iehor jew f'recint b'wiehed mill-mezzi msemmija fl-artikoli 264, 265 u 266 tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tapplika l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti kollha esibiti.

Semghet l-provi prodotta mill-Prosekuzzjoni, lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju u l-provi tad-difiza.

Semghet lil partijiet jiddikjaraw li qed jirrimettu ruhhom ghall-atti processwali fis-seduta ta' nhar d-disgha ta' Gunju 2005.

Ikkunsidrat:

Illi nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Jannar 2004, xehed **PS 1040 John Grima** fejn spjega li kien ircieva rapport, permezz ta' telefonata minn Carmel Debono, nhar l-wiehed u tletin ta' Awissu 2003, ghall-habta tat-tmienja w nofs ta' filghaxija. Huwa spjega li l-kwerelanti qallu li waqt li huwa kien l-festa t'Ghajnsielem, u bintu Caroline Debono kienet d-dar tinhasel fil-kamra tal-banju, l-imputat qabez ghal fuq il-bejt tieghu u beda jittantalu lil bintu.

Ix-xhud spjega li huwa acceda fuq il-post ftit wara t-telefonata u sab lil Caroline Debono wahedha d-dar. Hija qaltlu li allegatament semghet lil xi hadd ipespsilha waqt li kien fuq il-bejt u jghid xi diskors mhux xieraq fil-konfront

taghha.  Hija stqarret mieghu li gharfet l-vuci bhala dik tal-imputat, ghalkemm lilu ma ratux.

Ix-xhud kompla jispjega li nnota li fil-kamra tal-banju kien hemm tieqa li tinfed ghal go shaft u fit-tarf hemm netting. Huwa ssuppona li l-malvivent qabez fuq il-bejt tal-kwerelanti billi tela' ma bjut ta' terzi persuni.

Minnufih, waqt li kien hemmhekk fuq il-post, huwa rcieva struzzjonijiet minghand l-Ispettur Maurice Curmi sabiex jghaddi biex jarresta lil dan l-imsemmi Raymond Camilleri, l-imputat odjern.

Huwa ghalhekk mar ghand l-imputat fir-residenza tieghu u sabu hemmhekk.  Mistoqsi a tempo vergine x'kien qed jaghmel, l-imputat wiegbu li ghall-habta tat-tmienja w ghaxra ta' filghaxija kien dahal fis-sodda u qaghad jara l-ahbarijiet u ghall-habta tat-tmienja w ghaxra ta' filghaxija fuq l-ahbarijiet kien hemm trasmissjoni fuq Frenc tal-Gharb.  Huwa kien cahad b'mod kategoriku li effettivament tela' fuq il-bejt ta' Caroline Debono u fil-fatt qallu, b'referenza ghal familja Debono, li 'kienu ser igennuh.'

**PS 1040 John Grima** kkonferma wkoll fl-ewwel ta' Settembru 2003, wara nofsinhar huwa, flimkien mal-Ispettur Maurice Curmi, marru fuq il-post u Carmel Debono, missier Caroline, urihom l-modalita kif possibilment l-imputat setgha spicca fuq il-bejt taghhom. Ix-xhud spjega li una volta il-malvivent jottjeni access ghal bejt adjacenti mad-dar tal-imputat, irid jimxi fuq veranda twila u dejqa sitwata fuq in-naha ta' wara w imbaghad irid jitla ma hajt divizorju.

Illi **Carmel Debono** xehed w ikkonferma r-rapport telefoniku li kien ghamel nhar l-wiehed u tletin ta' Awissu 2003, waqt li kien Ghajnsielem.  Ikkonferma wkoll li dak l-hin tal-allegat incident, ma kienx d-dar u ghalhekk irrapporta biss, dak li qaltlu bintu.

Illi **Caroline Debono** xehdet w ikkonfermat r-rapport li ghamlet lil missierha u cioe li waqt li kienet fil-kamra tal-

banju, semghet lil imputat fuq il-bejt tad-dar taghha, jpespsilha u jghidilha xi kliem mhux xieraq. Ikkonfermat li lilu ma ratux, pero gharfet l-lehen tieghu. Mistoqsija kif effettivament tela' l-imputat fuq il-bejt, ix-xhud wiegbet li ma kelliex idea, pero ippresupponiet li kien tela' mill-bjut adjacenti.

Illi **L-Ispettur Maurice Curmi** xehed w ikkonferma li kien ircieva r-rapport minghand Carmel Debono u kien ordna lil PS 1040 John Grima sabiex imur jiccekkja fuq il-imputat peress li kien gie ndikat lilu li kien l-imputat li kien tela' fuq il-bejt tal-kwerelanti u jarrestah, jekk isibu. Ikkonferma wkoll li l-ghada, l-ewwel ta' Settembru 2003, huwa mar flimkien ma PS 1040 John Grima sabiex jara l-ekwati tal-bjut u cioe jekk hux facli li bniedem jitla u jghaddi minn fuq bejt ghal iehor.

Il-Magistrat Inkwerenti zammet access u marret fuq il-post fil-presenza tal-imputat u l-Ufficjal Prosekutur w ikkonstatat li l-bejt tal-kwerelanti huwa ghola mill-bjut ta' ma gembu, w in oltre mhux daqshekk facli li tispicca fuqu b'mod irregolari.

Illi **l-imputat** xehed nhar l-ewwel ta' April 2004, fejn spjega li dak li qalu l-familja Debono, ma kien minnu xejn u li mhux sewwa li jivvintaw l-istejjer fuqu. Huwa qal li kien d-dar fil-hin li gie ndikat lilu li allegatament kien fuq il-bejt ta' Debono, u kien qed jara t-television fuq l-istazzjon tal-PBS, jara l-ahbarijiet tat-tmienja ta' filghaxija u fil-fatt ftit wara li beda, stqarr li ra xi dokumentarju fuq Frenc tal-Gharb. Huwa cahad ghal darb'ohra l-allegazzjoni maghmula fil-konfront tieghu li kien tela' fuq il-bejt tal-familja Debono biex idejjaq lil Caroline Debono. Insista li kien il-hin kollu gewwa daru.

Ili **Ruth Amaira,** rappresentanta tal-PBS xehdet nhar s-sebgha ta' April 2005 u esibit video casette li kellu *recording* tal-ahbarijiet tat-tmienja ta' filghaxija tal-wiehed u tletin ta' Awissu 2003. Ikkonfermat li veru li fl-ahbarijiet tat-tmienja ta' filghaxija dakinhar kien hemm dokumentarju dwar Frenc tal-Gharb u qalet li fil-fatt kienet hi stess li kitbitu u li ma deherx fuq l-ahbarijiet l-ohra tal-istess jum.

Illi minn ezami tal-video casette esibit minn din l-istess xhud, jirrizulta li dak li qal l-imputat a tempo vergine tal-investigazzjoni, u cioe li kien qed jara programm fuq Frenc tal-Gharb, kien kollu veritier.

Il-Qorti ssibha difficli temmen li l-imputat ha dik il-battikata kollha biex jitla fuq il-bejt tal-familja Debono, specjalment biex jghid il-kliem li allegatament intqal li qalu.

**Il-Qorti thoss li x-xhieda moghtija mill-imputat hija aktar kredibbli fic-cirkostanzi, u ghalhekk, wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 339(e) u 340(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ma ssibx lil imputat RAYMOND CAMILLERI hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------